# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 25/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Cini**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Cini**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 25776(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn l-24 u t-28 ta' Marzu 2017 ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar ħa jew ipprova jieħu xi għasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(ċ) ta' L.S. 594.42 [**recte**: L.S. 549.42];

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja mogħtija bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S. 549.42;

4. ma żarmax u ma neħħiex l-imnasab, inkluż xbieki u lasti minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa tal-2016 bi ksur ta' Kondizzjoni 8 tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib għall-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2016 hekk kif mitlub minn Regolament 7(h) ta' L.S. 549.93.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex bis-saħħa ta' Regolament 27 tal-L.S 549.42, barra li tagħti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 18(1)(ċ) u 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) u r-Regolamenti 7(h), 9 u 10 tar-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana (L.S. 549.42)[1], sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' elfejn Euro (€2000). *Ai termini* ta' Regolament 27(2)(b) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), l-Ewwel Qorti ordnat is-

[1] Fis-seħħ fiż-żmien li fih twettaq ir-reat.

sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-imputat, maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal żmien erba' (4) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Peress li l-Prosekuzzjoni naqset li tippreżenta l-eżebiti mqar formalment, il-Qorti m'ordnatx il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, fis-sens illi tillibera lill-appellanti mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ beda wara rapport mill-"Committee Against Bird Slaughter" (CABS). Jingħad li l-appellant intlemaħ qed jonsob f'sit fiż-Żebbuġ Għawdex waqt li l-istaġun kien magħluq.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **Leigh Assinders** (*a fol.* 57 *et seq.*) ikkonferma li r-rapport li jinsab *a fol. 7 et seq.* kien sar minnu u minn sħabu l-oħra. Jgħid li fl-24 ta' Marzu 2017 kienu raw raġel jipprova jgħatti wiċċu u raw *"finches in traps as a decoy and you could hear the finch callers calling"'* (*a fol.* 58). Jixhed li meta mar fis-26 ta' Marzu 2017 induna li s-sit kien attiv. Jgħid li kien hemm raġel simili bl-istess tip ta' ħwejjeġ bħal dak tal-24 ta' Marzu 2017 u bl-istess binja. Jgħid ukoll li fl-24 ta' Marzu 2017 kienu raw vettura Maruti Gypsy u li reġgħu rawha fl-istess post fis-26 ta' Marzu 2017. Jgħid li reġgħu marru fit-28 ta' Marzu 2017 u reġgħu raw l-istess persuna u din id-darba wiċċu ma kienx mgħotti u rawh joħroġ mis-sit fejn kien qed isir l-insib u jimxi 'l fuq. Jispjega li hu (Assinders) mar ħdejn il-vettura Maruti Gypsy u hemm mar ir-raġel li kien ra fejn neħħa l-kappell kif ukoll il-ġakketta u saq. Jgħid li kien hemm: *"visible caged finch birds and there were illegal finch callers playing as well. It was possible to see the nets on the ground which would have been illegal because there was no finch trapping allowed at that time"* (*a fol.* 58). Din il-Qorti tinnota li x-xhud identifika lill-appellant fl-awla bħala l-persuna li ra fuq il-post tal-insib.

- **Maryanne Leendus** (*a fol.* 60 *et seq.*) ikkonfermat li kienet rat *"a trapping site with a bird decoy, finches in cages, nets on the ground and there was a trapper who covered his face"* (*a fol.* 60). Spjegat li reġgħu marru u li hija ffilmjat lill-appellant waqt li kien ser jidħol fil-Maruti Gypsy u neħħa l-kowt u l-kappell. Hija għarfet lill-appellant u kkonfermat li hu kien l-istess bniedem li kien fil-post tal-insib.

- **Fiona Burrows** (*a fol.* 67 *et seq.*) xehdet li hija kienet marret biex tiġbor lil Leigh Assinders u li l-appellant ħareġ mill-vettura Maruti Gypsy u li setgħet tara parti minn wiċċu. Tgħid li hija ma kinitx marret fuq is-sit tal-insib u kkonfermat li l-appellant kien il-persuna li rat minħabba li huma kienu saqu qrib tiegħu u għalhekk kienet żgura mill-identifikazzjoni li kienet qed tagħmel.

- **Saviour Farrugia** (in rappreżentanza ta' Trasport Malta – *a fol* 65) ikkonferma li l-vettura Maruti Gypsy bin-numru ta' reġistrazzjoni ABJ 079 hija rreġistrata f'isem l-appellant.

- **Emanuel Muscat** (in rappreżentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit – a fol.* 69) qal li l-appellant kellu liċenzja biex jonsob fis-sena 2017 imma dak iż-żmien f'Marzu 2017 ma kienx permessibbli l-insib.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni. Huwa jirreferi għall-indikazzjoni mogħtija mill-Prosekuzzjoni f'din l-imputazzjoni meta fiċ-ċitazzjoni rriferiet għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 594.42 tal-Liġijiet ta' Malta meta dawn huma Regolamenti għall-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u ta' Taħriġ). Jgħid li dan l-Att huwa rrilevanti għall-każ *de quo*. Jissottometti li dan l-iżball jidher kemm fiċ-ċitazzjoni kif ukoll fis-sentenza appellata u jisħaq li hu qatt ma seta' jinstab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi għandu jiġi nnutat li l-Qorti mhijiex marbuta bl-indikazzjoni tal-liġi li tagħti l-Prosekuzzjoni li tkun tinsab fl-imputazzjonijiet hemm kif imniżżla fiċ-ċitazzjoni. Hija d-deskrizzjoni tar-reat li jkun hemm fl-imputazzjoni li tgħodd u mhux l-indikazzjoni ta' xi Att jew ta' xi Leġislazzjoni Sussidjarja. L-importanti hu li meta fl-aħħar tas-sentenza l-Qorti tiġi biex telenka l-artikoli tal-liġi meta ssib ħtija li hija ssemmi l-artikolu t-tajjeb. Fil-fatt hekk għamlet l-Ewwel Qorti – jiġifieri kkwotat il-liġi t-tajba fid-decide tagħha fejn il-Leġislazzjoni Sussidjarja hija korrettament indikata bħala L.S. 549.42. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju sa fejn dan huwa msejjes fuq l-indikazzjoni ħażina tal-liġi ndikata mal-imputazzjoni b'dan illi l-mertu ser jiġi kkunsidrat meta jkun qed jiġi eżaminat it-tielet aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa dwar ir-raba' (4) imputazzjoni. L-appellant jisħaq li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.93 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet revokata permezz ta' Avviż Legali 383 tal-2018. Jgħid li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti semmiet li r-Regolament in kwistjoni kien fis-seħħ fiż-żmien li twettaq ir-reat. Jisħaq li la ma kienx fis-seħħ fid-data tas-sentenza appellata ma kellha tinstab ebda ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti kkunsidrat li l-Ewwel Qorti ndikat il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta (qabel ma għamlet il-*footnote*). Dan mhux korrett għaliex l-indikazzjoni kellha *se mai* tkun Leġislazzjoni Sussidjarja 549.93 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi waqt is-sottomissjonijiet (*a fol.* 92 *et seq.*) mismugħa quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-Avukat Ġenerali sottometta hekk (*a fol.* 95): *"iva huwa minnu illi l-Liġi Sussidjarja 549.93 ġiet revokata bl-Avviż Legali 383/2018. Iva ninsab dedotta mis-sentenza* ***The Police vs. Helen Katrina Milligan*** *u f'dan il-każ iva ġaladarba dak ir-reat ġie mħassar wara li tressaq akkużat b'dak ir-reat, allura ma jistgħax jinstab ħati ta' reat li llum il-ġurnata ma għadux reat, ma jistgħax jinstab ħati ta' xi ħaġa li ma għadux jikkosistwixxi bħala reat. Jiġifieri in kwantu t-tieni aggravju għandu raġun"* (*a fol.* 95).

Illi din il-Qorti jirriżultalha li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.93 tal-Liġijiet ta' Malta tneħħiet bl-Avviż Legali 383 tal-2018.

Illi l-pożizzjoni korretta tal-liġi kif spjegat minn Profs. Sir A. Mamo fin-Noti tiegħu hija li ġialadarba l-liġi ma baqgħetx fis-seħħ, il-persuna li tkun qed tiffaċċja tali imputazzjoni ma tistax tinstab ħatja. In fatti Profs. Mamo jikteb hekk fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law</u> (First Year – Criminal Law) (*a fol.* 32):

> "The principle accepted in continental doctrine and practice which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification <u>while the proceedings are still pending</u>, such proceedings shall fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced. [...]

> But modern writers do not accept this explanation, and contend that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that [...] the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation."

Illi anke l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħraf li jekk il-piena hija anqas minn dik taż-żmien meta twettaq ir-reat għandha tkun applikata l-piena li hija iżgħar minn ta' qabel. In fatti, il-"Guide to Article 7 of the European Convention on Human Rights – No punishment without law: the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty" (Updated: 31 ta' Awwissu 2022) jgħid hekk:

> "57. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 *in fine* of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (*Scoppola v. Italy* (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence).

> The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (*ibid.*, § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law."

Illi f'dan il-każ kienet abolita l-Leġislazzjoni Sussidjarja. B'hekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant u qed teħilsu minn kull ħtija u piena li huma konnessi mar-raba' (4) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-provi prodotti. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset milli teżebixxi l-*corpus delicti* u ma saret ebda investigazzjoni li kienet tinvolvi spezzjoni fuq il-post. Jgħid li lanqas ma ttieħdu ritratti ta' *decoys*, xbieki jew għasafar li kien qed isir użu minnhom u li kien biss Leigh Assinders li qal: *"We could see live finches in traps as a decoy and you could hear finch callers calling"* (*a fol.* 58). Jgħid li kellha tiġi ppreżentata l-aħjar prova u jisħaq li Maryanne Leendus qalet li minn fejn kienet ma setgħetx tara x-xbieki jew il-gaġeġ u li Fiona Burrows marret biex tiġbor lil Leigh Assinders biex tkun segwita l-vettura.

Illi qabel ma tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li

ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova għaliex ma ppreżentatx il-*corpus delicti*. Din il-Qorti tinnota li dan il-punt kien mistħarreġ ukoll mill-Ewwel Qorti meta fis-sentenza tagħha qalet li kien ikun aħjar li kieku l-Prosekuzzjoni eżebiet dawn l-affarjiet imqar formalment. Minkejja dan, f'dan il-każ l-aħjar provi kienu r-rapport dettaljat ippreparat mill-CABS u kkonfermat fil-Qorti kif ukoll ix-xiehda ta' Leigh Assinders.

Illi din il-Qorti, filwaqt li tagħmel riferenza għas-sommarju tax-xhieda li sar aktar 'il fuq f'din is-sentenza, tikkunsidra x-xhieda diretta, b'mod speċjali dik ta' Leigh Assinders, kif ukoll ix-xhieda ċirkostanzjali permezz tar-rabta tal-appellant mal-vettura Maruti Gypsy bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 079 u l-identifikazzjoni tal-appellant minn żewġ xhieda oħrajn bħala l-persuna li kien qed jonsob.

Illi, apparti dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li jiddisponi Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija

biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

Illi f'dan il-każ hemm aktar minn xiehda ta' persuna waħda biss għaliex hawn ir-rabta ċara taċ-ċirkostanzi. B'hekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli u għalhekk, fir-rigward tal-aggravju in eżami, tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fl-appellant tal-ewwel tliet imputazzjonijiet addebitati kontra tiegħu iżda, kif intqal aktar 'il fuq, qed tilliberah mir-raba' (4) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena fejn jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi meta wieħed jikkonsidra li hu għandu fedina penali netta.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tgħid hekk: "*Għar-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formoli tar-reati, fejn fil-każ in deżamina l-piena għaż-żewġ imputazzjonijiet hi l-istess waħda kif ravviżata bir-Regolament 27(2)(a) appena ċitat. It-tielet u r-raba' imputazzjoni servew bħala mezz għall-fini għall-ewwel żewġt imputazzjonijiet.*"

Illi teknikament dan ifisser li l-Ewwel Qorti ma tat ebda piena in konnessjoni mar-raba' (4) imputazzjoni li issa l-appellant qed ikun liberat minnha. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-insib ma kienx mifrux fuq ġurnata waħda u għalhekk jidhrilha li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet korretta u mhux eżaġerata. Madanakollu din il-Qorti ser tagħmel temperament f'dik il-parti tal-piena dwar is-sospensjoni tal-liċenzja.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Joseph Cini u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), u tat-tielet (3) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat multa ta' elfejn Euro (€2000);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tagħha u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija;

- tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal żmien erba' (4) snin u minflok (u anke minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda) tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal żmien tliet (3) snin mil-lum;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Mary Jane Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |